Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS- SEBA' LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2015

**Ħin:** Mill-5.00pm sat-7.55pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-sitt laqgħa ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 kif ukoll il-minuti tas-sitt laqgħa aġġornata li saret nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-SE informa lill-Kunsill li n- "*no entry sign*" quddiem triq privata fi Triq Sir Mikelangelo Refalo, twaħħlet it-tabella ta' slow sign fi Triq Santa Marija u tabella tad-disabled fi Triq Il-Kbira kif ukoll twaħħlu l-extra bins fi Pjazza Bertu Fenech. Sar ukoll ir-refreshing taz-zebra crossings fi Triq Birbal mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-SE infurma wkoll li ġew ordnati l-Ubars u ser jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla fi Triq Il-Kbira kantuniera ma' Triq San Frangisk

## 3. Laqgħa mal-Kuntrattur tal-Bulky Refuse

Preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill kien hawn is-Sur Melchiorre Dimech, kuntrattur tal-Bulky Refuse fejn il-Kunsill ġibidlu l-attenzjoni li f'dawn l-aħħar ġimgħat waslulu diversi lmenti fuq kif qed jingħata s-servizz li ma kien sodifaċenti xejn inkluż il-ħinijiet tal-ġbir fejn il-kuntratt jistipola li s-servizz tal-ġbir għandu jibda mis-2.30pm 'l hemm.

Is-Sindku Dr. Spiteri infurmah li jekk hemm xi problemi min-naħa tal-kuntrattur għandhom jiġu ċċarati llum għax mhux ser jittolera aktar din is-sitwazzjoni.

Is-Sur Dimech qal li qed ikollu problema meta jintalab jidħol ġewwa l-propjeta' biex jiġbor l-iskart goff għaliex il-kuntratt jistipola li l-affarijiet għandhom jinħarġu barra l-bieb. Problema oħra li qed jiffaċċja hija l-ħin tal-ġbir fis-2.30 għaliex mhux qed ilaħħaq jiddepożita l-iskart goff ġewwa l-impjant tal-Wastesev fl-istess ġurnata.

Is-Sindku kif ukoll il-Kunsilliera l-oħra fissru l-prekawzjoni tagħhom għaliex f'din il-lokalita' hawn ħafna anzjani u għalhekk ikollhom problema ta' mobilita' u ma jkunux jistgħu jċaqalqu l-affarijiet minn posthom il-barra. Wieħed f'dan ir-rigward irid jkun prattiku u mhux iħalli l-affarijiet hemm.

Għalhekk il-Kunsill bi qbil mal-kuntrattur ftiehem li ssir addenda fil-kuntratt fejn jistipola li hekk tiġi msejħa l-għajnuna tal-kuntrattur biex jiġbor l-affarijiet minn ġewwa, dan għandu jagħmlu biss fil-pjan terren mingħajr ma jidħol responsabbli għal xi danni ulterjuri kif ukoll qabblu li l-ġbir tal-iskart goff jibda' mis-2pm l'hemm.

Is-Sindku infurma lill-kuntrattur, li l-kuntratt ffirmat mal-Kunsill juri li huwa għandu probabtion ta' tlett xhur u għalhekk mhux ser jittolera aktar ilmenti li jkun ġustifikati u f'każ kuntrarju, dan il-kuntratt jiġi mitmum immedjatament mingħajr ma għandha għalfejn tinħareġ default notice.

## 4. Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera

**Sindku Dr. Ian Spiteri**

Huwa radd ħajr u prosit lill-Kunsillier Daniel Muscat is-sottokumitat tiegħu għas-suċċess tal-attivita' Balzan Arts and Music kif ukoll lill-Kunsillier Joe Galea tal-inizjattiva Ħbieb il-Ġonna li ħa flimkien mas-sottokumitat fejn anke attenda l-Onor. Stefan Buontempo għal preżentazzjoni tagħha. Huwa jixtieq li din tingħata aktar spinta. Sadanittant huwa talab lill-Kunsillier Joe Galea biex jiġbor xi kwotazzjonijiet għax-xiri u tqegħid ta' pots kbar bojod, tal-konkrit u jitpoġġew f'diversi postijiet ġewwa r-raħal.

Fir-rigward tal-attivita' Balzan Arts and Festival huwa wera x-xewqa li din tibda ssir f'Mejju u mhux aktar f' Settembru.

Saritlu talba biex jitneħħew xi arbuxelli li jinsabu fi Triq il-Ferrovija l-Qadima kantuniera ma' De Paule Avenue għaliex huma ta' periklu għas-sewwieqa li jkunu għaddejjin minn hemm. Il-Kunsillier Joe Galea ser jieħu ħsieb li jitneħħew.

Is-Sindku Dr. I. Spiteri qal hemm Communal Reserved Parking fi Triq Idmejda ftit il-bogħod mill-Melita Cafe' li kienet saret fuq talba tal-Kunsill stess lil Transport Malta fis-sena 2011 u jidhirlu li ma tantx għandu użu aktar għax kemm il-darba din qed tkun vojta. Għalhekk huwa kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-kunsill biex din titneħħa. Il-Kunsill approva.

Huwa infurma lill-Kunsill li fir-rigward tal-kirja għal post ġdid tal-Kunsill saret laqgħa mal-perit tal-Kunsill fejn preżenti kien hemm is-SE biex jaraw kif il-post jista' jitranġa biex l-uffiċċju jaqdi l-funzjonijiet tiegħu. Huwa qal li sa l-aħħar ta' Settembru l-post għandu jkun vakanti biex imbgħad jibdew ix-xogħlijiet fuqu.

Dr. Spiteri għarraf lill-Kunsilliera u ta dettalji fuq il-laqgħa li kellu mad-Direttur għall-Gvern Lokali, is-Sur Carmel Abela fir-rigward tal-post alternattiv għall-Kunsill u xi problemi oħra li qed jiffaċċja l-Kunsill.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Joe Galea jekk għandiex tiġi mġedda l-kirja tal-garaxx għall-kunsill. Is-Sur Galea infurmah li bħala garaxx mhuwiex tajjeb biex jinżammu l-għodda. Il-garaxx għalhekk mhux ser jiġi mġedded.

Fuq suġġeriment li kien għamel il-Kunsillier Daniel Muscat, is-Sindku jaqbel li fi żmien il-Milied tittella attivita’ għal Christmas Village. Il-Kunsill filwaqt li jaqbel fil-prinċipju, wieħed irid jara f’liema area tar-raħal sejra issir.

**<u>Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>**

Huwa tkellem fuq l-organizazzjoni ta’ taħdita ġewwa l-lokalita’ dwar il-bżonnijiet tal-anzjani fil-lokalita’ fejn din l-attivita’ ser issir nhar l-Erbgħa, 30 ta’ Settembru 2015 fis-6pm ġewwa s-Sala San Gabriel.

Talba biex il-Kunsill jagħmel manutenzjoni tal-bankini fi Triq il-Kbira (il-parti t’isfel). Il-Kunsill ħa nota ta’ dan u meta l-finanzi jippermettu dan ix-xogħol isir.

Il-Kunsillier talab li jerġa jsir it-trimming tas-siġar fil-lokalita’. Il-Kunsill approva li jsir dan.
.

**<u>Il-Kunsillier Joe Galea</u>**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-bankina fi Triq Idmejda ser titkompla fil-ġranet li ġejjin mill-ħaddiema tal-Kunsill. Dan wara li ġiet sottomessa l-kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-kunsill li tammonta għas-somma ta’ € 9352.77. B’hekk ser inkunu ffrankajna iżjed minn € 7,500.

Is-Sur Galea talab lill-Kunsill biex iġib xi kwotazzjonijiet għall-installar ta’ safety gate għat-tfal fil-playing field. Il-Kunsill approva.

**<u>Il-Viċi Sindku Andre’ Grech</u>**

Is-Sur Grech infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-perit Anthony Bezzina u ddiskutew fuq il-possibilita’ li ssir applikazzjoni għall-fondi ewropej biex jitkompla t-tisbieħ tal-proġett ERDF fi Triq Idmejda u Triq it-Tlett Knejjes. F’din il-laqgħa tkellmu wkoll fuq fondi ewropej biex isir it-tisbieħ tas-sqaqien li jeżistu fil-village core ta’ Ħal Balzan. Aktar ‘il quddiem ser jintbagħtu xi estimi għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Saret talba għal lampa ġdida fi Triq Dun Gwann Hammet. Il-Kunsill ser jara jekk hemmx bżonn li din issir.

Il-Kunsillier Daniel Muscat

Talba mingħand il-Kunsillier biex fl-istess żoni fl-istess jiem fejn ikunu ser isiru xi xogħlijiet ma jinħarġux kollha fl-istess ġurnata iżda jiġu kkoordinati b’mod li ma jkunx hemm ħafna parking bays meħudin. Il-Kunsill filwaqt li jifhem li dan jista’ joħloq inkonvenjent għar-residenti minn naħa l-oħra ma tistax iċċaħħad applikant milli jaħdem jekk ikollu l-permessi meħtieġa tal-awtoritajiet governattivi.

Talba biex is-sotto kumitat għall-ħidma maż-żgħazagħ jorganizzaw treasure hunt nhar il-Ħadd 13 ta’ Diċembru 2015. Il-Kunsill approva.

Sar suġġeriment li l-ġurnata tal-attivita' Balzan Arts and Festival tiċċaqlaq minn Settembru għal Mejju jew Ġunju biex b'hekk tiżdied l-affluenza tan-nies. Il-Kunsill wera l-istess fehma.

Talba biex yellow parking bay quddiem Benny's Antiques tinqaleb għal parking bay bajda peress li ma baqax l-użu tagħha. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsillier talab lill-Kunsilliera biex għall-fuljett li ser joħroġ f'Diċembru l-Kunsill, kull kunsillier ilesti r-*write up* tiegħu.

Sar ilment fuq xi ilma ġieri li ħiereġ minn xi katusa privata fi Triq it-Tabib J. Zammit. Is-SE wieġeb li rapport sar ma' l-awtoritajiet konċernati pero' s'issa għadha ma ġietx solvuta.

## 5. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 5040:** Talba biex jinħareġ permess għal tqegħid ta' krejn fi Triq Qarcilla (PA 0148/14). Il-Kunsill approva pero' qed jitlob lill-applikant li filwaqt li kemm ser idum sorġut hemmhekk titħallas it-tariffa ta' € 15 kuljum u qed iżomm id-dritt li jekk tkun ser tiġi organizzata xi attivita' tal-Kunsill f'dik it-triq, il-krejn irid jitneħħa minn hemm.

Dwar l-ilmenti u l-korrispondenza l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 6. Tqegħid ta' dokumenti u rapporti

Is-SE poġġa fuq il-mejda estratt mill-LN 154 tal-2015 fuq it-tariffi ġodda fuq depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju fit-toroq tal-lokalita'. Huwa talab lill-Kunsill li b'mod immedjat dawn it-tariffi ġodda jiġu fis-seħħ fil-Kunsill ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill approva.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il- Ħamis 15 ta' Ottubru 2015 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. Ian Spiteri** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data